MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 800/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Connie Schianvone**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi in forza ta' liema s-socjeta` attirici tablet illi l-konvenuta Connie Schiavone tigi kkundannata thallas is-somma ta' mija u erbgha u tmenin lira u disgha u erbghin centezmu (Lm184.49) rapprezentanti in ammont dovut in konnessjoni ma' servizz tat-telefon bin-numru 21804260 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mmarkati bhala Dok A, Dok B u Dok C.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta’ mija u erbgha u tmenin lira u disgha u erbghin centezmu (Lm184.49) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------